**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

George Vassallo

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija

**Att Amministrattiv - Għemil Amministrattiv - Stħarriġ ta' Validità ta' - Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**

*L-attur aġixxa biex jimpunja deċiżjoni tal-konvenut li ma jġeddidlux permess ta'* workshop. *Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u rriteniet illi t-talba ta' l-attur kienet fil-ġurisdizzjoni u kompetenza tal-Qorti Ċivili u għalhekk irrimettiet l-atti lura lill-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-attur l-imsemmi George Vassallo, li bih espona:

"Illi fl-att taċ-ċitazzjoni fuq imsemmi intavolat fit-3 ta' Marzu, 1993, wara li kien ġie premess illi l-attur kellu permess ta' *workshop* u biex jaħdem ta' *marbler* f'"Arzella", Triq l-1 ta' Jannar, Ħal Għaxaq (dokument A);

Illi fuq parir u struzzjonijiet tal-Bord tal-Pariri dwar

l iċenzji tal-Pulizija, l-attur bena garaxx ieħor stante li l-pulizija esekuttiva ma kinux ser iġeddulu l-liċenzja tiegħu numru 415/88 kieku baqa' fil-*workshop* tiegħu oriġinali (dokument B);

Illi għalkemm bi tbatija u sagrifiċċju kbir għalhekk bena *workshop* f'sit indikat mill-pulizija esekuttiva, iżda b'danakollu l-permess xorta ma nħariġx minħabba oġġezzjoni mis-Segretarjat ta' l-Ambjent;

Illi, skond l-artikolu erbgħa (4), ta' l-Avviż Legali tmintax (18) ta' l-1991 tal-Kap. 128 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Bord ta' Pariri dwar Liċenzji tal-Pulizija kostitwit mill-istess Avviż Legali, kien marbut iżomm seduta sabiex jisma' lill-attur u lil kull persuna li jkollha nteress fil-każ;

Illi l-Kummissarju tal-Pulizija irrifjuta l-ħruġ ta' liċenzja lill-attur mingħajr ma segwa l-proċedura stabbilita mill-artikoli 4 u 5 ta' l-Avviż Legali 18 ta' l-1991 (Kap. 128 tal-Liġijiet ta' Malta);

Illi, għalhekk huwa appella lit-Tribunal ta' l-Appelli dwar il-Liċenzji tal-Pulizija minn din id-deċiżjoni u dan *ai termini* ta' l-artikolu 8 ta' l-Avviż Legali 18 ta' l-1991, b'ittra tal-21 ta' Ottubru, *1992 (dokument C)*;

Illi dan l-appell ta' l-attur ġie miċħud skond deċiżjoni TL/V/10/87 tas-17 ta' Novembru, 1992 mingħajr għal darb'oħra ma nstema' (dokument D);

Illi dan jikkostitwixxi ksur lampanti ta' l-artikoli 4, 5 u 6 ta' l-imsemmi Avviż Legali 18 ta' l-1991 kif ukoll jikkostitwixxi ksur lampani għall-prinċipju ta' *audi alteram partem* li huwa wieħed mill-prinċipji fondamentali li fuqhom hija bbażata l-ġustizzja naturali;

Illi, għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, l-attur għandu d-dritt li jadixxi lil din il-Qorti għar-rimedju opportun;

Il-konvenut appellat ġie mitlub jgħid għaliex il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (l-Ewwel Qorti) ma kellhiex tħassar u tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li mexa fuq ir-rakkomandazzjoni tad-deċiżjoni tat-Tribunal ta' l-Appelli dwar Liċenzji tal-Pulizija TL/V/10/87 tas-17 ta' Novembru, 1992;

Tordna l-ħruġ tal-permess relattiv biex iżomm *workshop/* garaxx biex jaħdem l-irħam fil-fond "Arzella", Triq Ġdida fi Triq 1 ta' Jannar, Ħal Għaxaq, u biex jopera l-makkinarju neċessarju għal xogħlu b'dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa u ġusti;

Tagħti kwalunkwe provvediment li jidhrilha xieraq, ġust u opportun in konsegwenza tat-talbiet ta' l-aħħar;

Illi l-fuq imsemmi att ta' ċitazzjoni, flimkien mad-disposizzjoni ġġuramentata ta' l-attur u atti akkompanjanti, ġiet notifikata lill-konvenut appellat fl-24 ta' Marzu, 1993 u fit-12 ta' April, 1993, dan intavola nota ta' eċċezzjonijiet fejn eċċepixxa illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur jippretendi li, kontra l-liġi, jintrometti ruħu fl-esekuzzjoni tal-funzjonijiet attribwiti mil-liġi stess lill-esponent. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Illi, di più, fl-24 ta' Mejju, 1993 l-istess konvenut appellat intavola nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri fejn eċċepixxa li din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni speċjali biex tissindika l-operat tal-konvenut stante li l-aggravju ta' l-attur ma jinkwadrax ruħu f'xi wieħed mill-każijiet li talvolta jirradikaw il-ġurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji;

Illi b'sentenza mogħtija fid-19 ta' Frar, 1996, l-Ewwel Qorti laqgħet din l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut appellat biex b'hekk ċaħdet it-talba attriċi bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Illi peress illi l-attur appellant iħoss ruħu aggravat b'din is-sentenza, bil-preżenti proċedura, huwa qiegħed jinterponi umili appell minnha;

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti kien messha ċaħdet din l-eċċezzjoni għaliex, kuntrarjament għal dak li eċċepiet il-parti l-oħra u għal dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti, l-aggravju ta' l-attur appellant jinkwadra ruħu perfettament ma' żewġ każijiet li jirradikaw il-ġurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji ta' dan il-pajjiż;

Illi, infatti, l-artikolu 469A (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (introdott bl-Att XXIV ta' l-1995 u reż applikabbli għall-proċeduri odjerni bl-artikolu 362 (1) ta' l-istess Att) jipprovdi:

"Il-Qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi għemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-għemil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:

(a) meta l-għemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;

(b) meta l-għemil amministrattiv ikun *ultra vires* għal xi raġuni minn dak li ġejjin ...;

(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali ...;

(2) F'dan l-artikolu:

"għemil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenzja, permess, *warrant*, deċiżjoni jew rifjut għal talba ta' xi persuna ...

"awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri, u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi";

Illi, appuntu f'din il-kawża, l-attur qiegħed jilmenta li fl-istadju ta' l-appell ma ngħatax is-smigħ xieraq li tesiġi l-Kostituzzjoni fl-artikolu 39 (2) u dan proprju għaliex dan it-Tribunal ta' l-Appell dwar il-Liċenzji tal-Pulizija lill-attur appellant ma semgħux;

Illi, del resto, lanqas ma jista' jkun hemm ebda dubbju li hawn si tratta ta' każ fejn qiegħed jiġi allegat nuqqas ta' osservanza ta' wieħed mill-prinċipji tal-ġustizzja naturali, ċjoè il-prinċipju ta' *audi alteram partem*, f'għemil amministrattiv minn awtorità pubblika fis-sens tal-liġi suċċitata;

Illi, però, bir-rispett kollu dovut, b'raġunament li mhux faċili li wieħed jifhmu, l-Ewwel Qorti irriteniet li hi kellha tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut appellat għaliex ma kienx hemm ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali peress illi "fuq l-ewwel applikazzjoni ta' l-attur, il-Bord kien mar fuq il-post, sema' lil kull min kien interessat". U l-Ewwel Qorti żiedet: "dwar it-tieni applikazzjoni, kienet intalbet reviżjoni ta' kundizzjonijiet u ma kienx meħtieġ li l-attur jerġa' jinstema'. Dwar l-appell quddiem it-tribunal, dan ma kienx marbut li jisma' lill-attur. Inoltre, jirriżulta li kien hemm oppożizzjoni mid-Dipartiment ta' l-Ambjent u għalhekk liċenzja ma setgħetx tinħareġ". Dejjem bl-akbar rispett, apparti l-fatt li għaliex ma

hemmx ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali allura l-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni huwa raġunament li ma jsegwi proprju xejn, jibqa' l-fatt li dawn il-proċeduri ġew instigati mill-allegat ksur tal-prinċipju ta' *audi alteram partem* minn imkien aktar ħlief mit-Tribunal ta' l-Appell. Allura, kif jidħlu l-proċeduri fi grad aktar l-isfel minn dan it-Tribunal? Jekk l-aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-appell, kif tiġi l-Ewwel Qorti tgħid li dan l-aggravju ma jeżistix għaliex kien hemm dik li deherilha li kien smigħ xieraq fi grad aktar 'l isfel? Kif jista' qatt jingħad li, ġaladarba kien hemm dak li lill-Ewwel Qorti dehrilha li kien smigħ xieraq f'dan il-grad, *allura t-tribunal ta' l-appell ma kienx* marbut li jisma' lill-attur appellant? U x'prinċipju hu dan li għaliex kien hemm oppożizzjoni mid-Dipartiment ta' l-Ambjent din tittieħed bħala ben fatt mingħajr ma jinstema' l-attur appellant?

Imbagħad l-appellant talab li:

"L-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata fil-kawża fl-ismijiet premessi tad-19 ta' Frar, 1996 u b'hekk tilqa' t-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut";

Rat ir-risposta ta' l-appellat li biha *inter alia* esponа:

"Illi s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-dsatax ta' Frar, 1996 hija ġusta u timmerita konferma;

Illi fl-ewwel lok, b'referenza għall-allegata applikabbilità ta' l-artikolu 469A tal-Kap. 12 għall-każ odjern jingħad li huwa prinċipju paċifiku proċesswali li r-relazzjoni kważi-kontrattwali bejn il-kontendenti li jippresupponi ġudikat tiġi kristalizzata fil-mument ta' l-intavolar ta' l-att ġudizzjarju promotur tal-ġudizzju. Illi meta l-attur ittenta l-kawża tiegħu, l-artikolu 469A ma kienx jeżisti u l-ġurisdizzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

kien radikat fl-artikolu 742 kif kien jaqra qabel l-emendi ta' l-1995. Jekk, kif ġustament irriteniet l-Ewwel Qorti, sa mill-mument li ġiet intavolata ċ-ċitazzjoni ta' l-appellant il-Qorti ma kellhiex ġurisdizzjoni biex tisma' l-kawża dan l-artikolu ma seta' qatt jiġi ssormontat b'ebda emenda tal-liġi sussegwenti jew minħabba t-tul tal-proċeduri;

L-inapplikabilità ta' l-artikolu 469A għall-każ preżenti huwa rrispekkjat ukoll mis-subinċiż (3) ta' l-istess artikolu li jipprovdi li l-azzjoni biex timpunja għemil amministrattiv taħt dan l-artikolu trid tiġi istitwita invarjabbilment f'perijodu li ma jeċċedix is-**sitt xhur** minn meta l-persuna nteressata saret, jew setgħet, tkun taf bl-għemil. Kif jista' l-appellant jistrieħ fuq uħud mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 469A u jinjora oħrajn li jirrendu r-referenza tiegħu bla bażi ġuridika?

Illi bla preġudizzju għall-inapplikabbilità ta' l-artikolu 469A, t-talbiet kif magħmula fiċ-ċitazzjoni huma rritwali anke taħt il-proċedura maħsuba fl-artikolu 469A (li ma japplikax, kif intqal, fil-każ ta' l-appellant) billi f'materja ta' *review* ta' għemil amministrattiv il-Qrati ordinarji (għad-differenza tad-dritt kostituzzjonali) jistgħu biss jiddikjara għemil bħala null u bla effett. Il-Qrati ma jistgħux huma stess jordnaw il-ħruġ tal-liċenzji għax b'hekk ikunu qed jużurpaw il-funzjonijiet ta' l-esekuttiv mentri l-Qrati dejjem seddqu l-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri li jiggvernaw l-Istat demokratiku;

Illi fil-prim'istanza ġie diġà ampjament ippruvat li l-ebda membru tal-bord konsultattiv ma qatt ta parir lill-appellant biex jibni f'xi sit partikolari. Il-parir tagħhom jingħata lill-esponent u mhux lill-individwi. Meta t-Tribunal kkunsidra l-appell, il-punt kardinali kien il-fatt li qatt ma seta' jingħata parir lill-esponent biex tilqa' t-talba ta' l-appellant billi kien hemm oġġeżżjonijiet ta' natura ambjentali jgħid x'jgħid l-appellant. Jekk ried l-

appellant seta' sfida l-*vires* ta' l-awtoritajiet amministrattivi fit-termini ta' kif kien jaqra l-artikolu 742 tal-Kap. 12;

Illi l-appellant qed jippretendi li la t-tribunal ma laqax it-talba tiegħu allura ma ġewx imħarsa l-prinċipji tal-ġustizzja naturali - ġara preċiżament bil-maqlub ta' dak li qed jallega l-appellant. It-Tribunal meta ta konsiderazzjoni tas-*sottomissjonijiet ta' l-appellant ħares il-prinċipji msemmija* imma ċiononostante ma setax jirrakkomanda b'mod kuntrarju dak li sab il-bord għaliex kien hemm oġġezzjonijiet validi tad-Dipartiment ta' l-Ambjent li ma setgħux jiġu skartati. Immaterjalment minn kemm l-appellant ħass li kellu raġun, l-awtoritajiet kompetenti ma setgħux jaċċedu għall-pretensjonijiet ta' l-appellant. Huwa sinifikattiv li min-naħa tiegħu l-appellant qatt ma kkontesta l-oġġezzjoni li saret mill-awtoritajiet adebiti biex iħarsu l-ambjent;

In suċċint l-ebda prinċipju ta' ġustizzja naturali ma ġie mittiefes fil-konfront ta' l-appellant għaliex il-posizzjoni tiegħu kienet ċara f'għajnejn l-awtoritajiet imma dan ma setax ibiddel il-konklużjoni li għar-raġunijiet validi ta' ordni pubbliku l-appellant ma seta jingħata liċenzja fis-sit indikat minnu";

Ittrattat l-appell:

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwelnett għandu jiġi ppreċiżat li l-eċċezzjoni li kellha tiġi deċiża bis-sentenza appellata kienet li l-Ewwel Onorabbli Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-konvenut fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu skond il-liġi stante li l-aggravju ta' l-attur ma jikwadrax ruħu f'xi wieħed mill-każijiet li talvolta jirradikaw il-ġurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji;

Il-Qorti ta' prim'istanza ddikjarat li biex tiddeċidi l-eċċezzjoni hija kienet ġiet mitluba (ara nota a fol. 39/40) biex tisma' l-provi fil-meritu, u ddikjarat li fil-fatt hekk għamlet;

L-Ewwel Onorabbli Qorti mhux biss semgħet il-provi fil-meritu iżda ddeċidiet l-eċċezzjoni u għaddiet ukoll biex ċaħdet it-talba. Fil-fehma ta' din il-Qorti, meta s-sentenza appellata laqgħet l-eċċezzjoni u għalhekk iddikjarat li m'għandhiex ġurisdizzjoni kellha tieqaf hemm u tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju u mhux tippronunzja ruħha fuq il-meritu billi tiċħad it-talba, għaliex meta l-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni la tista' tilqa' u lanqas tiċħad it-talba għax anke biex tiċħad it-talba trid ikollha ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tat-talba;

Ġara għalhekk li anke l-attur appellant flok illimita ruħu għall-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni talab ir-revoka tas-sentenza appellata u li jintlaqgħu t-talbiet tiegħu;

Minħabba li s-sentenza appellata kif ġà ġie rrilevat ċaħdet it-talba, l-appellant kien kostrett li jitlob li jintlaqgħu t-talbiet tiegħu flok li jiġi biss iddikjarat li l-Ewwel Onorabbli Qorti għandha ġurisdizzjoni;

Imbagħad *una volta* li l-Qorti ordinarja tkun iddeċidiet li għandha ġurisdizzjoni fuq it-talba ta' l-attur kif dedotta fiċ-ċitazzjoni, tgħaddi biex tiddeċidi fuq il-provi prodotti, hemmx jew le vjolazzjoni tal-prinċipju ta' *audi alteram partem*. Fil-każ odjern l-Ewwel Onorabbli Qorti flok ma ddeċidiet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni fuq l-allegata lanjanza ta' l-attur, semgħet il-provi u ddeċidiet li l-lanjanza mhix sostenibbli u kwindi li l-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni. Dan l-apprezzament huwa rilevanti meta l-Qorti tiġi biex tinvesti l-meritu. F'dan l-istadju id-deċiżjoni dwar il-ġurisdizzjoni

għandha tkun ibbażata fuq dak li qed jallega l-attur mingħajr il-bżonn ta' smigħ ta' provi dwar hux minnu li t-Tribunal ta' l-Appell dwar Liċenzji tal-Pulizija naqas li josserva l-prinċipju ta' *audi alteram partem*. Jekk l-attur qed jallega dan, dan huwa biżżejjed biex jirradika l-ġurisdizzjoni, indipendentement mill-konsiderazzjoni jekk dan jiġix ippruvat jew le. Jekk ma jiġix ippruvat dak li qed jallega l-attur, il-Qorti mhux tiddeklina li tieħu konjizzjoni tat-talba minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni, iżda għandha tiċħad it-talba fil-meritu. Kif ġie rrilevat, il-Qorti ta' prim'istanza, waqt li laqgħet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, ċaħdet it-talbiet;

Għalhekk, din il-Qorti lanqas ma hi sejra tippronunzja ruħha fuq ġietx ippruvata l-lanjanza ta' l-attur, iżda sejra tillimita ruħha għal dak li hu rilevanti għall-finijiet ta' l-eċċezzjoni in diżamina. Kif lanqas ma hija sejra tippronunzja ruħha f'dan l-istadju dwar jekk it-talbiet kif dedotti fiċ-ċitazzjoni humiex legalment sostenibbli. Li jrid jiġi eżaminat huwa jekk il-lanjanza ta' l-attur tinkwadrax ruħha f'xi wieħed mill-każijiet li talvolta jirradikaw il-ġurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji u mhux jekk hix ippruvata;

L-attur qed jallega li l-appell ta' l-attur quddiem it-Tribunal ġie miċħud skond deċiżjoni TL/V/10/87 tas-17 ta' Novembru, 1992, mingħajr ma nstema' u li dan jikkostitwixxi ksur lampanti ta' l-artikolu 4, 5 u 6 ta' l-Avviż Legali nru. 18 ta' l-1991;

L-attur appellant qed jiddeduċi bħala aggravju li skond l-artikolu 469A (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili introdott bl-Att XXIV ta' l-1995 u reż applikabbli għall-proċeduri odjerni, bl-artikolu 362 (1) ta' l-istess Att, jipprovdi fis-sens li l-Qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi għemil

amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-għemil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:

(a) Meta l-għemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;

(b) Meta l-għemil amministrattiv ikun *ultra vires* għal xi raġuni minn dawk li ġejjin ...:

(ii) Meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali;

F'dan l-artikolu:

"għemil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenzja, permess, *warrant*, deċiżjoni jew rifjut għal talba ta' xi persuna;

"awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi;

Skond id-disposizzjonijiet transitorji ta' l-artikolu 362 (1) ta' l-Att XXIV ta' l-1994 id-disposizzjonijiet ta' dak l-Att "għandhom jgħoddu għall-proċeduri kollha li jkunu pendenti quddiem xi Qorti jew Tribunal li għalihom jgħoddu dak il-Kodiċi jew dawk il-liġijiet, u li f'dik id-data jkunu għadhom pendenti u ma għaddewx in ġudikat";

Għalhekk id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 469A tal-Kap. 12 li daħal in vigore b'dak l-Att japplikaw għall-kawża odjerna, kuntrarjament għal dak li qed jikkontendi l-appellat;

Lanqas mhu fondat dak li l-appellat issòttometta fir-

risposta tiegħu ta' l-appell li l-azzjoni odjerna ma ġietx intavolata fit-terminu ta' sitt xhur kif ipprovdut bis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 469A billi d-deċiżjoni tat-Tribunal li qiegħda tiġi mpunjata ngħatat fis-17 ta' Novembru, 1992 u ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet ippreżentata fit-3 ta' Marzu, 1993 meta lanqas ma kienu għaddew erbgħa xhur;

Minn dan isegwi li l-ilmenti ta' l-attur li ma kellux smigħ xieraq mit-Tribunal ta' l-Appelli dwar il-Liċenzji tal-Pulizija u li ma ġiex osservat il-prinċipju ta' *audi alteram partem* jinkwadraw ruħhom fil-każijiet ikkontemplati mil-liġi li jirradikaw il-ġurisdizzjoni ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tieħu konjiżżjoni tal-kawża odjerna;

Din il-Qorti tista' biss tilqa' in parte l-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata iżda mhix sejra tgħaddi biex tippronunzja ruħha fuq it-talbiet f'dan l-istadju għaliex hija tal-fehma li għandha tirrinvija l-kawża lill-Ewwel Onorabbli Qorti biex tieħu konjizzjoni tal-meritu biex ikun hemm il-benefiċċju tad-*doppio esame*;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tilqa' l-appell in kwantu ġiet mitluba r-revoka tas-sentenza appellata billi tiddikjara li l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni ta' l-azzjoni odjerna, konsegwentement, tirrevoka s-sentenza appellata u tirrinvija l-atti tal-kawża lill-Ewwel Onorabbli Qorti biex tieħu mill-ġdid konjizzjoni tal-kawża. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat.